


Baġit tal-UE ġdid xieraq
għall-ambizzjoni tagħna







# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar baġit Ewropew ġdid xieraq għall-ambizzjonijiet tagħna

Sommarju tas-Sessjoni 1

[Mit-28 sat-30 ta' Marzu 2025]

# Fi ftit kliem…

## L-ewwel sessjoni promettenti

X'inhuma l-prijoritajiet u l-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE li jġibu l-aktar valur miżjud għall-Ewropej? Fuq liema prijoritajiet għandu jintefaq il-baġit tal-UE fil-futur? Liema tipi ta' attivitajiet għandu jappoġġa l-baġit tal-UE biex jgħin ħalli jitwettqu dawk il-prijoritajiet? Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, 150 ċittadin tal-UE – magħżulin b'mod aleatorju biex jirrappreżentaw id-diversità tal-UE – inġabru flimkien biex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet fuq perjodu ta' tliet weekends. Fl-aħħar mill-aħħar, iċ-ċittadini se jippreżentaw lista ta' rakkomandazzjonijiet li se jikkontribwixxu għall-ħidma futura tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-baġit tal-UE.

L-ewwel sessjoni ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini l-ġdid saret mit-28 sat-30 ta' Marzu fi Brussell. L-għan? Biex jiġi żviluppat fehim komuni tal-baġit tal-UE u jiġi ddefinit l-ambitu tal-Panel taċ-Ċittadini. L-esperti dwar is-suġġett spjegaw in-natura tal-baġit tal-UE, fosthom l-evoluzzjoni tiegħu, x'jiffinanzja, minn fejn jiġu l-flus, u kif jiġi deċiż.

Iċ-ċittadini mbagħad iddiskutew il-prijoritajiet komuni u l-ħtiġijiet ta' finanzjament differenti li jeħtieġu appoġġ mill-baġit tal-UE. Irriflettew ukoll dwar il-kriterji li għandhom jiggwidaw il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE.






# Sessjoni 1: Ġurnata b'ġurnata

**Jum 1 – Plenarja**

*Nifhmu l-Baġit tal-UE*

Fl-ewwel jum tal-Panel ġew esplorati diversi aspetti tal-Baġit tal-UE, permezz ta' kwiżż, skeda ta' żmien li turi l-istadji storiċi ewlenin tal-baġit, u pie chart illustrattiva tal-baġit attwali. Il-membri tal-Kumitat tal-Għarfien spjegaw u kkummentaw fuq kull wieħed minn dawn.

**Jum 2 – Gruppi ta' Ħidma**

*Niddiskutu l-prijoritajiet individwali u nistabbilixxu lista ta' kriterji*

Is-Sibt, iċ-ċittadini nqasmu fi 12-il grupp iżgħar biex jiddiskutu l-prijoritajiet individwali tagħhom għall-Baġit tal-UE u b'mod kollettiv jiddeċiedu dwar il-kriterji li jiggwidaw l-abbozzar tar-rakkomandazzjonijiet u tal-prijoritajiet tagħhom fis-sessjonijiet li jmiss.

Abbażi tal-isfondi u tal-għarfien individwali tagħhom kif ukoll tal-isfidi speċifiċi fil-pajjiż jew fir-reġjun tagħhom, iċ-ċittadini ddiskutew dwar xiex u għaliex jixtiequ jagħmlu enfasi fuq aspetti speċifiċi għall-Baġit futur tal-UE.

**Stéphanie Riso, Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit:** *"Qegħdin naħdmu għalikom. Dan il-Baġit tal-UE huwa l-baġit tagħkom."*

**Dana Spinant, Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni:** *"Intom esperti tal-ħajja reali. Toqogħdux lura, semmgħu leħinkom u l-opinjonijiet tagħkom."*

Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja ta' nhar il-Ġimgħa!

**Jum 3 – Plenarja**

*Naqsmu u nirriflettu*

F'format ta' dibattitu dinamiku, iċ-ċittadini minn kull grupp ta' ħidma ddiskutew is-suġġetti differenti li kienu ħarġu mid-diskussjonijiet fil-grupp tagħhom. Il-membri tal-Kumitat tal-Għarfien ħadu sehem ukoll fid-dibattitu.

**Kwotazzjoni minn ċittadin:** *"Il-baġit ma jistax jimxi 'l quddiem jekk ma nisimgħux leħen iċ-ċittadini. Għandna nirrispettaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħna u nittamaw li nkunu ta' kontribut kemm għall-kwistjonijiet preżenti kif ukoll għal dawk futuri."*

**Georgios Papakonstantinou:** *"Fost il-gruppi kollha, iċ-ċittadini rnexxielhom isibu lingwa komuni biex jikkomunikaw. Minkejja d-differenzi bejnietna, irnexxielna naslu għal qbil fuq ħafna affarijiet. Għalkemm kull wieħed minna għandu l-perspettivi nazzjonali jew reġjonali tiegħu, qed nirsistu wkoll għal aktar koeżjoni u inklużjoni. Dan huwa punt tassew b'saħħtu tal-approċċ Ewropew."*

**Sophia Eriksson, Viċi Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni:** *"Ninsab impressjonata ħafna bir-riżultati li ksibtu b'ħidmietkom. U tassew inħeġġiġkom taqsmu din l-esperjenza mal-oħrajn – tkellmu dwar dak li tgħallimtu u ħudu sehem fid-dibattitu li għaddej bħalissa fuq il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini."*

Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-Ħadd!

## Interventi tal-esperti matul il-plenarji

**Leokadia Oręziak**, Professur fl-Iskola tal-Ekonomija SGH ta' Varsavja

**Marco Buti**, Professur fl-Istitut Universitarju Ewropew

**Paweł Śliwowski**, Viċi Direttur fl-Istitut Ekonomiku Pollakk

**Romy Hansum**, Riċerkatur Assoċjat fiċ-Ċentru Jacques Delors

**Alexei Jones,** Kap tal-Politika Barranija u tal-Iżvilupp fiċ-Ċentru Ewropew għall-Ġestjoni tal-Politika tal-Iżvilupp

**Daniel Tarschys**, Professur Emeritus fix-Xjenza Politika fl-Istitut Żvediż għall-Istudji Politiċi Ewropej

**Georgios Papakonstantinou**, Professur fl-Istitut Universitarju Ewropew

**Ana Feu Basilio,** Koordinatur tal-Politika fid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit

Żur il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini!

# Tfakkira: L-objettivi tat-3 sessjonijiet kollha

- **Sessjoni 1, mit-28 sat-30 ta' Marzu:** Jiġi żviluppat fehim komuni tal-baġit tal-UE u jiġi ddefinit l-ambitu tal-Panel taċ-Ċittadini. Jiġu eżaminati l-prijoritajiet komuni u l-ħtiġijiet ta' finanzjament differenti li jeħtieġu appoġġ mill-baġit tal-UE. Issir riflessjoni dwar il-prinċipji li għandhom jiggwidaw il-baġit tal-UE li jmiss.

- **Sessjoni 2, mill-25 sas-27 ta' April:** Abbażi tal-ħidma tas-sessjoni 1, jintlaħaq qbil dwar il-prijoritajiet politiċi u jiġu abbozzati l-ewwel rakkomandazzjonijiet. Jiġu żviluppati ideat dwar kif l-aħjar jiġu appoġġati dawk il-prijoritajiet komuni u jiġu indirizzati l-isfidi komuni li jkunu ġew identifikati.

- **Sessjoni 3, mis-16 sat-18 ta' Mejju:** Jiġu irfinuti dawn l-ideat u r-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ ta' faċilitaturi u ta' esperti b'esperjenza. Eventwalment, dawn l-ideat isiru r-rakkomandazzjonijiet finali għal baġit tal-UE xieraq għall-ambizzjonijiet tagħna. Ir-riżultati jiġu vvutati u adottati fl-aħħar sessjoni plenarja.